**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 59**

**Data:** 18 ta' Jannar, 2017

**Hin:** 4.11pm

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-58 laqgha.
2. Performance Bonus ta' l-Impjegati.
3. Budget.
4. Attivitajiet ghax-xhur li gejjin.

5. Attivitajiet fil-Progett tan-Network tal-Gemellaggi.
6. Progetti u Xogholijiet.
7. Skeda ta' Pagamenti.
8. Laqgha Annwali tal-lokalita'.
9. Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali.
10. Korrispondenza u materji ohra.
11. Aggornament.

---

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-58 laqgha

1.0 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

## 2.0 Performance Bonus ta' l-Impjegati

2.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Performance Bonus li jinghata lill-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv ta' 10%. Is-Sindku ddikjara lill-Kunsill li fil-kaz ta' l-impjegata Christina Camenzuli huwa kellu interess familjari u ghalhekk irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ppresediet il-Vici Sindku. Il-Kunsill iddiskuta l-Performance Bonus ta' l-impjegata Christina Camenzuli fejn qabel unanimament li din ghandha tinghata l-Performance Bonus ta' 6%.
Is-Sindku rega' dahal lura fil-kamra.

## 3.0 Budget

3.1 Is-Sindku spjega li l-allokazzjoni ta' din is-sena zdiedet b'madwar €16,500 mis-sena l-ohra fejn l-ammont ta' din is-sena huwa ta' €235,104.31. Issa li qed jinghalqu l-*accounts* tal-Kunsill jidher li din is-sena l-Kunsill ser jispicca b'bilanc positiv. Is-sena l-ohra kien hemm *accrued income* li ma kienx registrat u ghaldaqstant l-*accounts* indikaw li kien hemm *deficit*. Is-Sindku kompla jispjega li dwar dan gie infurmat ukoll id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' kif kien gie ippreparat l-*budget* fejn dan huwa suggett ghal diskussjoni.

Waqt id-diskussjoni, s-Sindku qal li fejn jirrigwardja l-*utilties* li fihom jaqghu l-kontijiet tat-telefon, huwa spjega li l-kont jigi madwar €480 kull xahar u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li l-Kunsill jibdel il-metodu tas-sistema ghal wiehed cellulari b'spiza ta' €25 fix-xahar ghal kull linja. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggeriment u qabel ma' din is-sistema u ghaldaqstant qabel unanimament li l-Kunsill ghandu jadotta din is-sistema.

Emanuel Muscat staqsa ghaliex hemm il-vot tas-servizz tal-Bulky Refuse. Is-Sindku spjega li din l-allokazzjoni qeghda sabiex tkopri l-ispiza tat-truck tas-Sur Paul Camenzuli ghall-uzu tat-truck tieghu. Din l-ispiza €20 ghandha tkopri l-*fuel* u *wear and tear*. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din ir-resoluzzjoni.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-latrina ta' Triq Ta' Pinu qed isirilha xoghol ta' *refurbishment* min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex fejn wara li jitlestew dawn ix-xogholijiet ser terga' tinfetah mill-gdid. Is-Sindku qal li ghandha tintbghat ittra ta' ringrazzjament.

Vot ta' *Street Lighting* – Gie spjegat li dan il-vot irid jibqa' hemm peress li l-lanterni dekorattivi huma responsabilita' tal-Kunsill. Is-Sindku issugerixxa li mal-*embellishment* tal-pjazza l-Kunsill ghandu jiehu hsieb jibdel il-lanterni ghal ohrajn godda peress li dawk li hemm saru fragli u iddetorjaw bit-temp.

Vot ta' *Urban / Non Urban Roads* – Bhala xoghol ta' qtugh ta' haxix isir mill-haddiem Paul Camenzuli pero' irid jinxtara l-fuel u z-zejt ghall-mutur li jaqta' l-haxix.

Vot tac-Centru ta' Matul il-Jum tat-tfal – Dan il-vot ser jibqa' bhas-sena precedenti fejn ikun dhul kontra l-ispiza li jaqtghu lil xulxin.

Vot ta' l-iskema tal-PPP dan ser jibqa' kif inhu peress li l-Kunsill ghadu qed jistenna li jinhadem il-kont ta' Triq San Dimitri. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ghandhom jigu infurmati is-sidien tal-plots ta' Triq Tumas Cassar sabiex jippreparaw il-konessjoni tad-drenagg taghhom.

Vot tal-Progett tan-Network of Twinned Towns fejn is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-iskambju li jmiss ser isir fl-Irlanda bejn it-13 u 15 ta' April. Dawn id-dati pero' ghad iridu jigu kkonfermati minhabba li l-partners qed isibu diffikulta' biex isibu l-*flights*.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-grupp ta' l-Infioratori gie mistieden mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jinstalla' Infiorata fit-tela' tac-Citadella fejn il-gimgha d-diehla ser tigi s-segretarja ta' l-Assocjazzjoni ta' l-Infiorata sabiex tiddiskuti flimkien mall-Ministeru kif ser tigi installata u materji ohra.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Vot ta' €3000 li huma Progett Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level fejn il-Kunsill kien applika sabiex jinxtraw tablets u interactive white board liema skema giet approvata. Apparti din il-Kunsill gie ukoll approvat l-ammont ta' €1000 bhala parti mill-iskema Life Long Learning.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li waqt il-laqgha li jmiss ser jinhargu l-figuri attwali fuq it-template tal-*budget* u stieden lill-Kunsilliera sabiex jekk jixtiequ jzidu xi haga ohra kemm jinfurmaw lill-Kunsill.

## 4.0 Attivitajiet ghax-xhur li gejjin

4.1 Bhala attivitajiet li jmiss issa hemm il-Karnival. Saret diskussjoni dwar jekk u kif ser jigi organizzat il-Karnival kif ukoll f'liema data. Gew diskussi ukoll il-possibilita' li jekk jigi organizzat il-festival tar-rih, il-gruppi tal-Karnival jippartecipaw fih. Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-possibilita' li jigi organizat Karnival tat-tfal fejn jista' jkun hawn *puppet show* u jingabu ukoll karattri u jsiru kompetizzjonijiet tal-kostumi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jigi organizzat nhar il-Erbgha 22 ta' Frar, bejn il-5.30pm u 7.30pm u jkun Karnival ghat-tfal. Il-Kunsill qabel ukoll li jintalab il-permess lill-Arcipriet sabiex f'kaz ta' maltemp isir gewwa c-Centru jew gewwa s-sala ta' l-iskola. Jekk it-temp ikun tajjeb isir fi Pjazzetta l-Isqof Nikol G. Cauchi.

4.2 Attivita' ta' Frenc ta' l-Gharb. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Dun Beneditt jinsab Ghawdex bhalissa u tajjeb li kienu ssir laqgha mieghu dwar din l-attivita'.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar meta tista' ssir l-ikla tal-Milied tal-Kunsill. Peress li ma setghetx tinstab data fil-qrib, gie deciz li din il-materja tigi diskussa qrib l-Ghid.

## 5.0 Attivitajiet fil-Progett tan-Network tal-Gemellaggi

5.1 Bhal ma ga gie diskuss aktar kmieni waqt l-istess laqgha, z-zjara li jmiss ser tkun gewwa l-Irlanda. Gie spjegat li fil-prezent kienu ingabu zewg kwotazzjoni ghall-akkomodazzjoni u tlett kwotazzjonijiet ghat-transport. Gie spjegat ukoll li jiddependi mill-prezzijiet offruti ghax jekk ikunu hafna gholjin il-grupp ma jistax ikun aktar minn 52 persuna. Fil-prezent il-prezzijiet ta' l-ajru huma ta' madwar €385 ghal kull persuna. Il-probabilita' hija li bid-dati l-godda l-prezzijiet ikunu irhas pero' mhux hafna. Il-probabilita' hija li in-nes ser ikollhom ihallsu ghat-ticket huma stess u l-kumplament jithallas bhala parti mill-progett. It-titjira tkun ghal Dublin u wara jkun hemm saghtejn bus ghall-post fejn ser tkun l-lukanda. Is-Sindku spjega li qieghed jigi mhejji reklam sabiex jitqassam mar-residenti u jigi identifikat kemm hemm persuni interessati.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Gie spjegat ukoll li l-partners l-ohra tal-progett gew mistiedna biex jattendu b'total ta' 10 persuni pero' jidher li mhux ser ikunu aktar minn 4/5 persuni. Mill-istimi li ghandu l-Kunsill jidher li bus double decker tiswa madwar €5000. Pero' qabel isir kollox, il-Kunsill irid jara kemm hemm persuni interessati.

## 6.0 Progetti u Xogholijiet

6.1 Is-Sindku spjega li l-haddiema tal-Kunsill bhalissa qeghdin jibnu hitan fi Triq Birbuba u San Dimitri.

6.2 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-hajt ta' Sqaq il-Fgura jekk kienx inbena. Gie spjegat li fuq dan il-hajt hemm xi diffikultajiet minhabba li jrid jinbena minn isfel u ghaldaqstant irid hafna xoghol u spejjez. Apparti hekk dan huwa retaining wall u ghalhekk suppost li jsir mis-sid tal-post.

6.3 Gie spjegat li matul il-Gimgha id-diehla ser jigi l-Inginier fis-shelter sabiex jaraw x'hemm bzonn li jsir biex titranga l-funtana tal-Pjazza.

6.4 Gie diskuss il-monument ta' l-Isqof M. Molina. Kif kien diga diskuss fil-laqgha precedenti, gie avvicinat l-artist il-Kav. Adonai Camilleri Cauchi li kien ghamel ix-xoghol fuq il-monument ta' l-Isqof sabiex jiddisinja xi haga ghal Monument ta' l-Isqof M. Molina. Giet moqrija l-istima li kienet tammonta ghal €1000 sabiex issir il-hsieb/ disinn u x-xogholijiet l-ohra jammontaw ghal-€800.00 u jekk il-Kunsill ikun irid abbozz dan jiswa €700.00. Is-Sindku spjega li huwa kien tah informazzjoni dwar dak li kien jixtieq li jsir bhala monument.

Emanuel Muscat qal li kieku jkun ahjar jekk l-artist jinkludi d-disinn. Gie spjegat li l-artist irid li jkollu l-approvazzjoni ta' l-istima qabel jibda' xoghol fuq id-disinn. Id-disinn jista' jinbidel sakemm il-Kunsill ikun sodisfatt u tinhareg il-versjoni finali. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'disinn ta' Adonai Camilleri Cauchi.

6.5 Gie spjegat ukoll li l-Kunsill huwa ghaddej ukoll bil-process tal-Progett ta' Urban Green Project fejn il-Kunsill gie moghti b'€30,000 sabiex isir *embellishment* taz-zoni urbani tal-lokalita'. Il-Kunsill ikkuntatja lis-Sur Joseph Bonello li huwa l-head tas-sezzjoni espert fil-qasam tal-Agrikoltura fejn dan gie mitlub jipprepara proposta biex tigi pprezentata lill-Miniteru.

## 7.0 Skeda ta' Pagamenti

7.1 Il-Vici Sindku staqsiet dwar x'kien jikkonsisti l-kont ta' Alan Deidun. Gie spjegat li l-Planning Authority kienet talbet zewg rapporti u ghal dan ix-xoghol l-Perit Edward Scerri issugerixxa esperti differenti u ntaghzlu Alan Deidun u Joseph Scerri sabiex ihejju dawn l-studji sabiex ikunu prezentati ma' l-applikazzjoni tal-

Awtorita' ta' l-Ippjanar numru 161113 u 160961.

7.2 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kont tal-Perit ta' l-applikazzjoni tal-pool fejn gie spjegat li dan kien il-progett li kien tkellem dwaru l-Kunsill ghaz-zona ta' fejn il-grawnd tal-futbol. Dan il-progett ser isiru ghalih ukoll pjanti fi 3D.

7.3 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

7.4 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-progett tal-grawnd li kien jinvolvi t-training camps. Gie spjegat li fil-prezent il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tad-devoluzzjoni min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet pero' fil-prezent dan id-Dipartiment kien qed jara xi tibdil u ghaldaqstant kienu ftit impenjati.

**8.0 Laqgha Annwali tal-Lokalita'**

8.1 Ghall-istess gurnata giet imsejha u avzata kif mitlub fil-ligi l-laqgha generali annwali. Il-membri stennew pero' hadd ma attenda.

Emanuel Muscat talab li jigi skuzat u hareg mill-kamra

**9.0 Cirkularijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

9.1 Cirkulari 02/2017 – Tqeghid ta' CCTV Cameras f'latrini pubblici.

Emanuel Muscat rega' dahal lura fil-kamra.

9.2 Cirkulari 01/2017 – Funzjoni dwar iz-Zamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq.

9.3 Cirkulari 50/2016 – Sejhiet ghall-Offerti Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-toroq. Emanuel Muscat qal li jekk xi hadd iwahhal xi haga ma' l-arblu l-garanzija ma' tibqax aktar valida. Is-Sindku qal li jekk lampa tinharaq b'xi sajjetta lanqas tkun koperta.

**10.0 Korrispondenza u Materji ohra**

10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill min kienu l-persuni li accettaw li jkunu membri tal-bordijiet diskussi fil-laqgha precedenti. Gie spjegat ukoll li s-Sinjura Pamela Muscat kienet accettat li tkun membru fuq il-bord ta' l-Edukazzjoni pero' peress li hi Maltija u ghandha xi spejjez ta' l-ivjaggar kienet talbet li tigi rimbursata ta' dawn l-ispejjez. Is-Sindku qal li huwa kien offrilha li l-Kunsill ihallas l-ispejjez tat-transport fejn huwa spjega li din tista' taqsam minghajr karozza u xi hadd

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

jinzel ghaliha l-Imgarr. Il-laqgha ta' dawn il-bordijiet huwa mahsub li jsiru filghaxija.

10.2 Minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-Progett Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level fejn il-Kunsill kien gie infurmat li l-applikazzjoni giet milqugha.

10.3 Minghand B.Grima & Sons Ltd. dwar prodotti li huma joffru bhal ghamra tat-triq, tabelli u ohrajn maghhom.

11.0 **Aggornament**

11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 22 ta' Frar, 2017 sakemm ma jkunx hemm deadline qabel minhabba l-*Unaudited Financial Statements*.

11.2 Il-laqgha spiccat hin 5.32pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |